MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 626/2006

**Carmel SPITERI magħruf bħala "Carmel Spiteri Shaw", martu Maria Spiteri magħrufa bħala "Mary Spiteri Shaw" u t-tfal tagħhom Joseph Carmel Spiteri magħruf bħala "Joseph Carmel Spiteri Shaw" u Anton Joseph Spiteri magħruf bħala "Anton Joseph Spiteri Shaw**

**vs**

**DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-11 ta' Lulju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti tiddikjara li sa minn tfulitu, l-attur Carmel Spiteri uża l-isem "Carmel Spiteri Shaw" kif hekk ukoll irreferew għalih familtu, ħbiebu u kollegi tiegħu, liema isem huwa uża

kontinwament u konsistentement minflok l-isem tiegħu reġistrat fl-atti ċivili bħala "Carmel Spiteri"; li tiddikjara li sa minn mindu żżewġet lill-attur, l-attriċi Mary Spiteri użat għaliha kontinwament u konsistentement l-isem ta' "Mary Spiteri Shaw", kif hekk ukoll irriferew għaliha familtha, ħbiebha u l-kollegi tax-xogħol tagħha; tiddikjara li l-atturi Anton Joseph Spiteri u Joseph Carmel Spiteri konsistentement u kontinwament użaw minn dejjem bħala isimhom rispettivament "Anton Joseph Spiteri Shaw" u "Joseph Carmel Spiteri Shaw", u hekk kienu magħrufin mill-familji, qraba u ħbieb tagħhom; li tordna li isem l-attur Carmel Spiteri, fl-Att tat-Twelid tiegħu Numru 5607/1944 jiġi mibdul għal "Carmel Spiteri Shaw", liema isem għandu jiġi hekk mibdul u reġistrat fl-atti ċivili l-oħra tiegħu kollha kif ukoll fejn jirrikorri fl-atti ċivili kollha ta' wliedu, jiġifieri fl-Att taż-Żwieġ tiegħu mal-attriċi Numru 1691/1974, fl-Att tat-Twelid tal-attur Joseph Carmel magħruf bħala Joseph Carmel Spiteri Shaw, Numru 5026/1983, u fl-Att tat-Twelid tal-attur Anton Joseph magħruf bħala Anton Joseph Spiteri Shaw, Numru 2844/1980; li tordna l-isem tal-attriċi Mary Spiteri jiġi mibdul għal Mary Spiteri Shaw, liema isem għandu hekk jiġi reġistrat fl-atti ċivili kollha (tagħha) kif ukoll fejn jirrikorri fl-atti ċivili kollha ta' wliedha, jiġifieri fl-Att taż-Żwieġ tagħha mal-attur Carmel Spiteri, u fl-Atti tat-Twelid tal-atturi wliedha; li tordna li isem l-attur Anton Joseph Spiteri jinbidel bl-isem Anton Joseph Spiteri Shaw fl-Att tat-Twelid tiegħu; u li tordna li isem l-attur Joseph Carmel Spiteri jinbidel bl-isem Joseph Carmel Spiteri Shaw fl-Att tat-Twelid tiegħu;

Rat l-Avviż ippubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern tad-29 ta' Awissu, 2006[1], għall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema avviż ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiż-żmien stabilit mil-liġi;

Rat it-Tweġiba maħlufa mressqa fit-2 ta' Ottubru, 2006, li biha d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li, dwar l-attur Carmel Spiteri, dan għandu kull jedd li juża kunjom xbubit ommu skond l-artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili, imma m'għandux jedd jitlob li jinbidel l-atti

[1] Paġ. 15 tal-proċess

tal-istat ċivili tiegħu li huma dokumenti storiċi li jirreġistraw id-dettalji tal-persuna li tkun f'data preċiża; dwar l-atturi l-oħrajn, jilqa' billi jgħid li l-attriċi, maż-żwieġ tagħha mal-attur, ħadet kunjomu, liema kunjom kien dak ta' Spiteri, u l-istess jgħodd għall-Att tat-Twelid tal-atturi l-oħrajn, li mat-twelid ħadu kunjom missierhom l-attur Carmel Spiteri; dwar l-atti tat-Twelid tal-atturi Anton Joseph u Joseph Carmel Spiteri, huwa jgħid li kien missierhom innifsu li, meta irreġistrahom, uża l-kunjom Spiteri bħala kunjomu, u llum l-istess atturi jistgħu, jekk iridu jagħżlu li jżidu kunjom xbubit ommhom, jiġifieri Spiteri Dimech; huwa jopponi għar-raba', l-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi għaliex f'kull wieħed mill-atti, kunjom l-attur Carmel huwa muri bħala Spiteri biss, kif jixhdu wkoll il-firem magħmulin mill-attur innifsu fuq uħud mill-imsemmija atti; f'kull każ, l-imħarrek jgħid li ma kienx jaħti bl-ebda mod għat-tibdil mitlub mill-atturi u m'għandux ibati spejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2006, li bih u fuq talba tal-atturi, tathom żmien biex iressqu l-provi tagħhom bil-meżż tal-affidavit;

Rat ix-xhieda mressqa mill-atturi bil-meżż tal-affidavit u kif ukoll id-dokumenti mehmużin magħhom;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2007[2], li bih u fuq talba tal-avukat difensur tal-atturi, tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' noti ta' osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-7 ta' Marzu, 2007[3];

Rat ir-rikors imressaq mill-atturi fis-27 ta' Frar, 2007[4], li bih talbu li jsir bdil fit-talbiet imressqin minnhom;

---

[2] Paġ. 66 tal-proċess
[3] Paġġ. 69 sa 71 tal-proċess
[4] Paġ. 72 tal-proċess

Rat it-Tweġiba motivata mressqa mill-imħarrek fit-13 ta' Marzu, 2007, li biha ma oġġezzjonax għat-talba tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2007[5], li bih, u għall-finijiet tal-artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jsir bdil fir-raba', fis-sitt u fis-seba' talbiet attriċi fis-sens li l-kliem "*jiġi mibdul*" jitneħħa u jidħol minfloku l-kliem "*issir l-annotazzjoni li tgħid li hu magħruf bħala*";

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku fit-12 ta' April, 2007[6], bi tweġiba għal dik imressqa mill-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' April, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-bidla ta' atti ta' stat ċivili. L-atturi jridu li, uffiċjalment, kunjomhom jingħaraf bħala Spiteri Shaw fl-atti kollha ta' stat ċivili li jirrigwardawhom. Huma jgħidu li kunjomhom ilu hekk magħruf minn għadd ta' oqsma tal-ħajja għal żmien twil, u jridu li jkun hemm għarfien ta' dan il-fatt ukoll fl-atti tal-istat ċivili tagħhom, għaliex, sakemm isir dan, qegħdin iġarrbu preġudizzju. L-atturi jisħqu li huma m'humiex qegħdin jgħidu li l-atti ta' stat ċivili huma milqutin minn xi żball, imma qegħdin jgħidu li dawn ma jaqblux ma' ċirkostanza personali magħrufa minn bosta dwarhom ilkoll[7]. Kemm hu hekk, fi stadju lejn l-aħħar tat-trattazzjoni tal-kawża, l-atturi bidlu l-kliem ta' wħud mit-talbiet tagħhom bla ma bidlu lqofol tal-azzjoni tagħhom;

Illi l-imħarrek jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jgħid li t-talbiet tal-atturi m'humiex mistħoqqa safejn jinbnew fuq l-

---

[5] Paġ. 77 tal-proċess
[6] Paġġ. 79 sa 81 tal-proċess
[7] Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom, f'paġ. 70 tal-proċess

allegazzjoni tal-iżball fl-atti tal-istat ċivili tagħhom, għaliex dawk l-atti jirriflettu sewwa x'kienet il-qagħda ta' kunjom l-attur Carmelo Spiteri fiż-żmien li fih saru. Fuq kollox, iżid jgħid li kien l-attur innifsu li, f'uħud mill-atti, kien qiegħed jindika dwaru stat li llum irid jibdel. Il-pożizzjoni tal-imħarrek inbidlet wara li l-atturi talbu, u kisbu, bdil fit-talbiet tagħhom minn dawk kif imressqin minnhom meta fetħu l-kawża;

Illi mill-<u>fatti ewlenin li jsawru l-każ</u> joħroġ li l-attur Carmel Spiteri (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-missier"), twieled f'Ġunju tal-1944[8], miż-żwieġ bejn Joseph Spiteri u Violet imwielda Shaw[9]. Il-missier iżżewweġ lill-attriċi Mary mwielda Dimech (aktar 'il quddiem imsejħa "l-omm") f'Ġunju tal-1974[10]. Minn dan iż-żwieġ, twieldu żewġ subien (aktar 'il quddiem imsejħin "l-ulied"), jiġifieri l-attur Anton-Joseph f'Ġunju tal-1980[11], u ħuh Joseph Carmel f'Ottubru tal-1983[12];

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u>, irid jingħad mill-bidu li l-azzjoni tal-atturi m'hijiex waħda taħt l-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex tirrigwarda l-kwestjoni tal-kunjom li bih l-atturi jridu jkunu magħrufin. L-artikolu msemmi jgħodd biss fejn, fiċ-ċirkostanzi maħsuba fil-liġi, persuna tkun trid li jinbidel l-isem (*forename*) li jkun ingħatalha mat-twelid b'dak li tkun ilha għal żmien u b'mod konsistenti magħrufa bih[13];

Illi, għalhekk, hawnhekk jidħlu fis-seħħ il-prinċipji stabiliti mill-Qrati tagħna dwar talbiet li jridu jirriflettu bidliet fil-kunjom użat mill-parti li tkun fetħet il-kawża. Wieħed minn dawn il-prinċipji huwa li fil-liġi Maltija, m'hemm l-ebda projbizzjoni biex persuna tuża kunjom xbubit ommha flimkien ma' dak ta' missierha, iżda dan ma jwassalx għall-jedd li dik il-persuna titlob it-tiswija tal-Att tat-Twelid tagħha fuq il-bażi ta' żball, billi f'każ bħal dan żball ma

[8] Dok "B", f'paġ. 22 tal-proċess
[9] Dok "A", f'paġ. 21 tal-proċess
[10] Dok "Ċ", f'paġ. 23 tal-proċess
[11] Dok "D", f'paġ. 24 tal-proċess
[12] Dok "E", f'paġ. 25 tal-proċess
[13] Ara App. Ċiv. **16.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku***

jkunx hemm[14]. Jidher li dan il-prinċipju baqa' jitħares ukoll wara li daħal bdil fil-liġi fl-1993[15];

Illi għar-rigward ta' użu uffiċjali ta' kunjom, il-liġi tagħna issa saret tirregola dan l-aspett siewi kemm dwar it-tfal li jitwieldu[16], u kif ukoll għar-rigward ta' nisa li jgħaddu għal żwieġ[17];

Illi jibqa' l-fatt, madankollu, li l-bidla f'Atti ta' Stat Ċivili hija maħsuba mil-liġi kemm għall-benefiċċju tal-persuna li tkun, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-leġislatur ried li l-Qorti tqis talbiet għat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bħal dawn;

Illi t-talba ta' żieda f'kunjom ta' persuna ma' dak li huwa l-kunjom implikat fl-Att tat-Twelid tagħha huwa punt kontrovers fis-sistema legali tagħna. Dan jingħad l-ewwelnett, għaliex fl-Att tat-Twelid ta' persuna, qatt ma jkun hemm il-kunjom tat-tarbija, imma (fil-każ ta' wild leġittimu) l-kunjom tal-missier. Fit-tieni lok, għaliex meta ssir talba għal żieda ta' kunjom ieħor, dan ma jkunx normalment frott ta' żball, u għalhekk, il-liġi (billi titkellem dwar "korrezzjoni jew tħassir"[18]) ma tkunx tippermetti li talba bħal dik tista' tintlaqa'[19];

Illi, madankollu, minħabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Ċivili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati tagħna fissru li għalkemm il-liġi ma tqisx iż-żieda jew il-bdil ta' kunjom il-parti attriċi bħala żball, ma tistax tinjora għal kollox talba bħal din, speċjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taħt xi sistema jew ordinament ġuridiku ieħor. F'dan il-każ, ukoll fl-interess tat-terzi, il-Qrati laqgħu talbiet għal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-ħsieb li jirriflettu bidliet bħal dawn[20]. Dan isir biss f'każijiet eċċezzjonali li tassew jisħoqqilhom li l-att ta' stat ċivili b'xi mod jintmiss[21]. Għalhekk, talba tista'

[14] App. Ċiv. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Rizzo magħruf bħala Rizzo Naudi vs D.R.P.*** (kollez. Vol: **LXX.ii.129**)
[15] P.A. GV **27.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanni Galea sive Galea Naudi et vs D.R.P.***
[16] Art. 292A tal-Kap 16 li daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2004
[17] Art. 4 tal-Kap 16 li daħal fis-seħħ bl-Att XXI tal-1993, u nbidel bl-imsemmi Att tal-2004
[18] Art. 256(1) tal-Kap 16
[19] P.A. **14.12.1927** fil-kawża fl-ismijiet ***Skee vs Cremona noe*** (Kollez. Voll: **XXVI.ii.521)**
[20] P.A. **31.10.1930**, fil-kawża fl-ismijiet ***McLean gia Abdillah vs Cremona noe*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.305**)
[21] App. Ċiv. **2.3.1994 fil**-kawża fl-ismijiet ***John Żammit sive Zammit Paċe vs D.R.P.*** (mhix pubblikata)

tirnexxi mhux fuq il-bażi ta' żball fl-Att, iżda fuq il-bażi ta' tagħrif iżjed sħiħ dwar il-persuna li tkun;

Illi, f'din il-kawża, l-atturi qagħdu attenti ħafna li fl-ebda waqt, la fil-premessi u lanqas fit-talbiet, ma jgħidu li l-bidliet li qegħdin jitolbu li jsiru huma l-frott ta' żball, u għalhekk, ukoll fid-dawl tal-prinċipji li għadhom kemm issemmew, it-talbiet tagħhom jistgħu jitqiesu minn din il-Qorti;

Illi, madankollu, mill-provi mressqin, u li wħud minnhom diġa' ssemmew aktar 'il quddiem, fil-każ li għandna quddiemna, il-kwestjoni ta' kunjom l-atturi toqrob ħafna lejn każ ta' żball. Dan jingħad għaliex l-għarfien tal-kunjom tal-familja tal-missier bħala Spiteri Shaw hija ċirkostanza li ilha stabilita żmien twil;

Illi, kemm hu hekk, dan jinsab rifless f'bosta mill-provi dokumentali mressqin mil-atturi. Dwar il-missier, jirriżulta li minn kemm ilu mpjegat mas-servizz ċivili fl-1964, kien magħruf bil-kunjom "Spiteri Shaw"[22], b'dak il-kunjom ukoll huwa magħruf mal-awtoritajiet u dipartimenti tal-Gvern[23]. Fuq kollox, meta l-missier u l-omm, qabel ma żżewġu, xtraw id-dar li kienu sejrin joqogħdu fiha wara ż-żwieġ[24], kunjom il-missier kien diġa muri bħala Spiteri Shaw f'att pubbliċi. Dwar l-omm, jingħad li din għandha kariga pubblika fl-amministrazzjoni pubblika lokali u hija magħrufa pubblikament b'dak il-kunjom[25]. Fil-każ tal-ulied, kull ċertifikat tal-kwalifiki akkademiċi tagħhom[26] u dawk marbutin mad-dinja tal-impieg tagħhom[27] ukoll jagħrfuhom bil-kunjom Spiteri Shaw. Hemm provi oħrajn f'dan is-sens fl-atti tal-kawża. Imma ma jistax ma jingħadx ukoll li l-kunjom muri dwar l-atturi kollha fir-rispettivi Karta tal-Identita' tagħhom[28] huwa dak li dwaru qegħdin jitolbu li jitniżżel l-annotament fl-atti ta' stat ċivili relattivi tagħhom;

---

[22] Paġ. 33 tal-proċess
[23] Paġġ. 35 u 37 tal-proċess
[24] Paġġ. 39-40 tal-proċess
[25] Paġ. 44 tal-proċess
[26] Paġġ. 47-9 u 52-4 u 59 sa 65 tal-proċess
[27] Paġġ. 50-1 u 56-8 tal-proċess
[28] Paġġ. 43, 46 u 56 tal-proċess

Illi, fil-każ preżenti, l-Qorti tqis ukoll li l-preġudizzju lamentat mill-atturi maħluq mill-inkompatibilita' tar-rejalta' ta' kunjomhom u l-formalita' murija fl-atti li tagħhom qegħdin jitolbu l-aġġornament, m'huwiex wieħed fieragħ;

Illi, min-naha l-oħra, il-konvenut ma jaħtix bl-ebda mod għal din is-sitwazzjoni u għalhekk ma jistax jingħad li l-kawża kellha tinfetaħ minħabba xi nuqqas tiegħu li naqas li jirrimedja;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għadha kemm għamlet, hija tqis li t-talbiet attriċi kif mibdula jistħoqqilhom jintlaqgħu, għalkemm għandu jingħad li minħabba li kien il-missier innifsu li rreġistra t-twelid u ffirma l-Atti tat-Twelid oriġinali, kien fid-dmir tiegħu li jara u jifli sewwa dawk id-dokumenti qabel iffirmahom. L-istess missier iffirma wkoll bil-kunjom Spiteri biss;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċidi din il-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel tliet talbiet attriċi**, billi tiddikjara li l-atturi ilhom għal żmien u konsistentement magħrufin bil-kunjom Spiteri Shaw u li dak kien il-kunjom użat dwarhom u minnhom;

**Tilqa' r-raba', s-sitt u s-seba' talbiet attriċi** billi tordna li fl-Att tat-Twelid tal-atturi numri 5607 tal-1944, 2844 tal-1980, u 5026 tal-1983 rispettivament, u kif ukoll fl-Att taż-Żwieġ numru 1691/1974 issir l-annotazzjoni li tgħid "*hu magħruf bħala Spiteri Shaw*" b'riferenza għal kull fejn tidher il-kelma "Spiteri";

**Tilqa' wkoll il-ħames talba attriċi** safejn kompatibbli mat-talbiet hawn fuq milqugħa;

**Tordna**, għall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili, li l-konvenut jiġi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiż-żmien imsemmi minn dak l-artikolu, jagħmel l-

annotazzjonijiet ordnati bis-saħħa ta' din is-sentenza fl-imsemmija Atti ta' Stat Ċivili tal-atturi; u

Billi ma tweriex li l-konvenut jaħti għaċ-ċirkostanzi li wasslu għal din il-kawża, tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------